MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 153/2003

Il-Pulizija
(Spettur Jeffrey Cilia)
Vs

Kevin Borg

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) f'xi hin bejn il-15 ta' Jannar, 2001 u s-6 ta' Frar, 2001, f'Haz-Zabbar, ikkommetta serq ta' zewg dokumenti (Licenzji) tal-vetturi bin-numru serjali B 447791 u B 215773 rispettivament, minn go l-ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar, liema serq huma kkwalifikat bil-persuna, ghad-detriment ta' Ali Saleh Rhuma u Eugenio Micallef;

2) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat (zewg dokumenti (licenzji) tal-vetturi), sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
3) talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor (zewg dokumenti (licenzji) tal-vetturi) li giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, taht titolu illi jgib mieghu obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;
4) talli fis-6 ta' Frar, 2001, ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija, fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, l-Furjana, xjentement bil-hsieb li jissoprimi jew b'xi mod iehor jeqred jew ibiddel it-tracci jew indizji ta' reat (dokument (licenzja) ta' vettura), wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;
5) talli fis-6 ta' Frar, 2001, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal set ta' number plates foloz (EAQ-123) fuq vettura tal-ghamla "Cortina", (numru ta' registrazzjoni KAI-389), ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6) talli fis-6 ta' Frar, 2001, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set ta' number plates foloz (EAQ-123), fuq vettura ohra tal-ghamla "Cortina", (numru ta' registrazzjoni KAI-389), ai termini tal-Artikoli 189 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti ta' l-1994 Dwar Il-Vetturi Bil-Mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikoli 15 (1b) u 18 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
7) talli fl-istess zmien u cirkostanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, saq vettura Cortina bin-numru KAI-389 meta din

il-vettura ma kienetx koperta b'licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija w meta ma kienetx koperta b'polza ta' l-assikurazzjoni;
8) u aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok, u cirkostanzi kkommetta r-reati hawn fuq imsemmija meta bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kellu jissorvelja biex ma jsirux jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Lulju, 2003 li biha, wara li rat l-artikoli 28A, 31, 41, 109, 111, 141, 188, 189, 261, 268, 281, 334 tal-Kap. 9, l-artikoli 15 u 18 tal-Kap. 65, kif ukoll l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza bl-assorbiment tat-tieni w tat-tielet akkuza fl-ewwel wahda, hati wkoll tar-raba', tal-hames akkuza bl-assorbiment tar-reat ikkontemplat fl-art. 189 tal-Kap. 9 (allura s-sitt akkuza f'dan ir-reat u tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 15 u 18 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta), hati wkoll tas-seba' w tat-tmien akkuza, w ikkundannatu ghal sentejn habs sospizi ghal erba' snin u mmultatu s-somma ta' LM250 (mitejn u hamsin Lira Maltin) u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal sena, kif ukoll ikkundannatu ghal interdizzjoni generali perpetwa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Lulju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti sabiex fl-ewwel lok thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, w fin-nuqqas u fit-tieni lok li tirriforma s-sentenza appellata billi tigi nflitta piena anqas harxa.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti u cioe:-
1. illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u dana peress li d-difiza irmexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad tal-probabbilta' w dana peress li dak li ammetta l-appellant fl-istqarrija tieghu kien ghamlu biex ikopri lill-missieru u li l-istqarrija li ghamel , ghamilha ghax issuspetta li l-Pulizija kienu ghamlu tfittxija fid-dar tieghu fil-prezenza ta' ibnu ta' eta' ferm tenera. Illi l-Ewwel Qorti lanqas hadet in konsiderazzjoni tal-fatt li bdew jigu

mistoqsija domandi kapzjuzi li l-ispettur kienb jaf li mhumiex veritjieri.
2. illi dwar il-piena, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju , l-Ewwel Qorti kienet harxa wisq mall-appellant u li l-akbar piena tieghu hi li ser jitkecca mix-xoghol u jekk tigi sospiza il-licenzja tas-sewqan , ser ikun impedut milli jahdem ma haddiehor .

Fliet l-atti kollha processwali,

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-prosekuzzjoni fl-udjenza tal-1 t’ Ottubru, 2003;

Ikkonsidrat ;

Illi l-ewwel aggravji tal-appellant fuq riassunti huma kollha bazati fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “inter alia” l-Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.” [12.5.94; “ir-Republika ta’ Malta vs. George Azzopardi “ [14.2.1989]; “il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace” [31.5.1991] ; “Il-Pulizija vs. Anthony Zammit” [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza “R. v.

Cooper" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l- imputazzjonijiet li dwarhom sabet htija fil-konfront tal-appellant .

Illi il-linja difensjonali hi li dak kollu li l-appellant kien ammetta fl-istqarrija tieghu kien ghamlu biex jipprotegi lil missieru u ghax beza mill-effetti ta' xi "search" li haseb li saret jew li kienet ser issir fid-dar tieghu u fejn setghu jinstabu xi toys misruqa. Illi l-Ewwel Qorti abilment ittratat funditus dwan il-punti sollevati dwar l-istqarrija u hasset bir-ragun li kellha tiskarta dawn l-ispjegazzjonijiet li ittanta jaghti l-appellant biex jahrab mill-konsegwenzi nkriminanti tal-istqarrija tieghu . Din il-Qorti wara li ezaminat il-provi w kkonsidrat is-sentenza appellata ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti li wasslet biex qaghdet fuq l-istqarrija tal-appellant u mhux fuq il-versjonijiet differenti li ta sussegwentement bil-gurament.

Illi sewwa osservat l-Ewwel Qorti li l-appellant , bhala membru tal-Korp tal-Pulizija, kien imissu jaf sew il-konsegwenzi ta' stqarrija bhal dik li ghamel u li mhux verosimili li din l-istqarrija saret biex ikopri lill-missieru

ghax hu ghal kollox improbabbli li l-licenzji hargu mill-ghassa tal-Pulizija fejn kien stazzjonat l-appellant u spiccaw ghand missieru minghajr l-intervent attiv tal-appellant innifsu ghax kif qalet l-Ewwel Qorti xejn mhu probabbli li dawn "imxew wahedhom" , specjalment meta l-appellant stess kien stqarr li hadhom mill-post fejn ipoggu il-"lost and found" fl-Ghassa fejn kien stazzjonat . L-istess dwar l-ispjegazzjoni fjakka li hu ta dwar is-sejbien tan-number plates u kif dawn gew biex twahhlu fuq il-van ta' missieru – haga li hu kien stqarr li ghamilha hu stess biex jista' juza l-imsemmija vettura. . Umbaghad li l-appelant jghid li qal li qal fl-istqarrija ghax beza li jekk issir jew saret search fid-dar tieghu ser jimpressjona ruhu ibnu ta' eta' zghira w ghax "ried jitlaq ' hemm" ma hix wahda attendibbli . Mistoqsi in kontroezami minn x'hiex beza' meta kien ghamel l-statement l-appellant ipprova jaghti spegazzjoni konfuza u stirakkjata li xejn ma hi attendibbli . Ghar-rigward tal-aggravju dwar domandi kapzjuzi maghmula mill-ispettur investigattiv , hu risaput li hu lecitu li waqt l-interrogatorju l-investigatur juza "ruse" biex jipprova jelicita l-verita' mill-persuna interrogata u li dan b'ebda mod ma jirrendi stqarrija invalida w nulla. Inoltre il-fatt li l-Pulizija imxiet fuq informazzjoni anonima qabel ma gew elevati l-license disks u pjanci inkriminati mill-vettura ta' missieru b'ebda mod ma jista' jnehhi l-effett probatorju ta' dawn l-oggetti misjuba attwalment u li fl-istqarrija tieghu ammetta li kien wahhalhom hu stess . Dan ghaliex kif intqal fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Carmelo Fenech" [28.4.1995] : "….galadarba il-Pulizija fil-kors ta' jew in segwitu ghal, investigazzjoni taghhom (anki jekk din l-investigazzjoni tkun bdiet fuq informazzjoni jew telefonata anonima) issib provi , li jkunu ammissibbli skond il-ligi , dwar il-kommissjoni ta' reat minn xi persuna, il-Pulizija ghandha obbligu – u mhux semplicement tista' li tigbor dawk il-provi u iggibhom flimkien mall-prezunt hati quddiem l-awtorita' gudizzjarja (Art. 346 (1) tal-Kap.9) ."

Illi il-fatt li f' xi stadju kien qed jigi investigat ukoll missier l-appellant ma jfissirx necessarjament – kif isostni l-appellant – li l-Pulizija kienet qed thoss li l-kaz taghha kontra tieghu kien wiehed dghajjef ghaliex ladarba il-Pulizija rrizultalha li l-karozza li fuqha l-appellant ammetta

li wahhal pjanci foloz u license disk mhux taghha u li ammetta ukoll li saqha bla licenzja u bla insurance , kienet ta' missieru , kellha kull dritt li tinvestiga jekk dawn r-reati sarux b'xi htija konkomitanti jew komplicita' tal-istess missier l-appellant ukoll barra mill-htija ammessa mill-appellant.

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti – bhal l-Ewwel Qorti – mhux sodisfatta li kien hemm xi wahda mill-kondizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali li jistghu jirrendu l-istqarrija tal-appellant invalida . Zgur li ma rrizultawx xi weghdiet jew twebbil ta' vantagg jew theddid u dawn eskludihom l-appellant fix-xhieda tieghu . U jekk l-appellant kien mahkum minn xi biza' ghax kellu l-faham miblul u mhux ghax gie imbezza' minn min kien qed johodlu l-istqarrija, din il-biza' hija komuni ghal kull min ikun qed jigi nterrogat u janticipa li ser jinqabad f' xi ksur tal-ligi u mhux il-biza' li trid il-ligi biex jigi nvalidat l-effett probatorju ta' stqarrija , sakemm din tkun giet maghmula volontarjament .

Illi mill-ezami tal-istqarrija tal-appellant tohrog car il-htija addebitata lilu taht l-ewwel ir-raba, il-hames, is-sitt u s-seba akkuzi dedotti kontra tieghu u l-addebitu li kkommetta reati meta bhala ufficjal pubbliku (Pulizija) kellu jissorvelja biex ma jsirux jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi .

Pero' din il-Qorti , ghall-korretteza , thoss li ghandha tirrileva li sa fejn jidher it-tieni w t-tielet akkuza kienu kapi alternattivi ghall-ewwel akkuza ta' serq li rrizultat pruvata lill-Ewwel Qorti , u ghalhekk l-Ewwel Qorti proprjament ma kellhiex issib htija tahthom u jew tillibera lill-appellant minnhom jew tastjeni milli tippronunzja ruha dwarhom , izda mhux tiddikjarahom assorbiti fl-ewwel akkuza kif sar fis-sentenza appellata .

Illi dwar it-tieni aggravju dwar il-piena , f' kull kaz il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. Ir-Repubblika ta'

Malta vs. David Vella" [14.6.1999] , "Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" [24.4.2003] u ohrajn.)

Issa ma hemmx dubju li l-piena ta' sentejn prigunerija f'dan il-kaz kienet taqa' entro l-parametri tal-ligi . Di fatti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) tal-Kap.9 dwar il-konkors tal-pieni , l-appellant seta' addirittura gie sentenzjat ghall-massimu ta' periodu ta' prigunerija (attwali u mhux sospiza) ta' hames snin u disa' xhur, oltre l-multa li ghaliha gie kundannat ghall-htija taht is-seba' imputazzjoni . Ghalhekk altru milli l-Ewwel Qorti kienet harxa mall-appellant . Jekk xejn l-Ewwel Qorti kienet ferm komprensiva mall-appellant meta qalet li fehmet li d-dikjarazzjoni ta' htija wahedha kienet ser tkun ta' kastig minnha nnifisha ghall-appellant u ghalhekk applikat il-provediment tas-sentenza sospiza u din il-Qorti ma tarax li tista' tiddisturba din id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fil-piena billi tirriduciha oltre jew tvarjha. Kwantu ghal-kundanna ghall-hlas tal-multa ta' LM250 ghar-rigward tas-seba imputazzjoni, dan hu l-minimu tal-multa li setgha jigi kundannat ghaliha l-appellant skond l-artikolu 3 (1) (2) (a) tal-Kap.104 u skond l-artikolu 3(2A) is-sospenzjoni w skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena hija mandatorja w ma hemm ebda raguni straordinarja jew specjali ghala l-Ewwel Qorti kellha tiddipartixxi minn dak preskritt mill-ligi .

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell bil-mod kif gej : u cioe' billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokha in kwantu iddikjarat lill-appelant "hati tal-ewwel akkuza ta' serq aggravat **bl-assorbiment tat-tieni u t-tielet akkuza fl-ewwel wahda "** u minnflok tiddikjara lill-appelant hati tal-ewwel akkuza w mhux hati tat-tieni w t-tielet akkuzi - li kienu akkuzi alternattivi - w minn dawn iz-zewg akkuzi tilliberah , u billi tikkonfermaha ghall-kumplament taghha ghal dak li jirrigwarda sejbien ta' htija tal-akkuzi l-ohra kollha w ghar-rigward tal-piena inflitta, kompriza l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan u l-interdizzjoni generali .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------